*ħdan il-"Għaqda" u dak li kellhom x'igħidu dejjem qaluh bla ħabi lil xulxin u mhux marru jxandruh fost il-barranin.*

*Dawk ta' qabilna kellhom ħafna problemi u kwistjonijiet imma dejjem ittrattawhom fil-laqgħat tal-"Għaqda" u ladarba jaqbdu "policy" ħadd minnhom ma kien igħaddilu minn rasu li jmur jisparla kontra tagħha, għax il-ħsieb tagħhom kien dejjem li jmexxu 'l quddiem l-ilsien Malti u qatt ma ħallew ruħhom jinxi darba ħolom li jmur jikteb kontra r-rivista tal-"Għaqda" trikbu mill-egoiżmu jew mir-regħba. L-ebda wieħed minnhom f'ġurnal barrani, u kull meta kien ikollhom x'igħidu dwar il-"policy", kienu b'wiċċhom minn quddiem igħiduha lill-mexxeja tal-"Għaqda" jew iġibuha fis-seduti tagħha.*

*B'din il-manjiera l-Membri tal-"Għaqda" dejjem ħarsuha minn xi firda għax bħala nies għaqlin setgħu jagħrfu li x-xiżma mhux biss therri u ddgħajjef iżda teqred u ttemm.*

*Għalhekk il-mexxejja u l-imseħbin tal-"Għaqda" dejjem ħabirku biex ikunu annuna għax jafu li n-nuqqas ta' ftehim, u fuq kollox l-egoiżmu, ikunu l-irvina ta' din il-ġemgħa ta' nies galantomi li jagħmlu ġieh mhux biss l-ilsien Malti, iżda lill-pajjiż. Nimxu mela fit-triq li fetħulna dawk ta' qabilna, triq ta' rġulija, ta' ftehim u ta' għaqda li twassalna għall-ideal tagħna.*

## MILIED MALTI

*Ta'* Charles Coleiro

4 **Ersaq Milied qaddis fuq Malta tagħna,**
**Bil-ferħ u l-hena li wellidt fl-istalla;**
**Ibdel il-mard u l-hemm f'uċuh ferħana**
**U ixħet fuq dil-Gżira l-barka t'Alla.**

**Erġa', Bambin Ġesù, sib il-maxtura**
**F'kull dar li għandna u xxerred fuqha l-milja**
**Tal-grazzji li teħtieġ, fil-qlub mistura**
**Ta' l-imnikktin, fl-ulied ta' kull familja.**

**Ejja bħal dari mdawwar bil-ġulbiena,**
**Bil-kant taċ-ċkejkna, il-priedki sbieħ ta' tifel,**
**Bil-kagħak tal-għasel u l-lejliet fiddiena**
**Ta' qamar jidħak, u presepju jixgħel.**

**Nibqgħu, Maltin, nifirħu bil-Bambin,**
**Niċħdu d-drawwiet keshin tal-barranin.**



## BLA BENNA, BLA ĠMIEL...

*Ta'* Pawlu Aquilina

Għanqud sabiħ, ineffaħ
U jħammar wiċċu sħiħ:
Laring ta' Malta; bnina
il-ħlewwa ta' ġo fih!

Għaddejt tmintax-il waħda
Marsusa ma' xulxin,
Bil-weraq minsuġ fihom,
Bil-qtar tan-nida fin.

Biss waħda, f'nofs il-bqija,
Mixruba, kollha dud,
Bħal borra rtabet, bjadet
U ħassret ġmiel l-għanqud!

U sefgħet dik ħlewwitha
Fi qrusa kollha mrar;
U ġmielha ħeba wiċċu:
M'għadux sabiħ jiħmar.

U t-tnejn li kienu magħha
Jinħabbu mit-twelid,
Sfaw bħalha: morda, imħassra;
Maż-żmien, bil-ftit il-ftit.

U waħda wara l-oħra
L-għanqud sabiħ intemm!
Sar kollu dud u qrusa,
Minn benna ħamra demm!

* * *

Għadni narah jiżżeffen
Mal-fergħa tqila bih:
Għanqud laring ta' Malta,
Mill-aħmar, mis-sabiħ!

U fil-ħurrieq ta' taħtu,
Mifqugħ u kollu dud,
Rajtu jintemm, imħassar
U mdewwed il-għanqud!